MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 764/2011

**George Xureb & Sons Limited (C-9970) u b`digriet tas-16 ta` Frar 2012 giet ordnata korrezzjoni fis-sens illi l-kelma "Xureb" kull fejn tidher tigi taqra "Xuereb"**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-8 ta` Awissu 2011 li jaqra hekk –

*Illi l-kumpannija rikorrenti giet kostitwita fit-tlieta ta` Ottubru 1988 u kopja ta` l-istatut taghha jinsab hawn anness u mmarkat Dokument “A” ;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti tikkonferma illi fil-hamsa ta` Awissu 2011 ttiehdet risoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti ta` l-istess kumpannija rikorrenti hawn annessa u mmarkata Dokument “B” permezz ta` liema, b`vot unaniumu gie deciz li l-imsemmija kumpannija tigi stralcjata u xjolta minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*Illi din ir-rizoluzzjoni (Dok “C”) tal-kumpannija rikorrenti ttiehdet ai termini ta` l-Artikolu 214(1)(a) u giet approvata mill-azzjonisti kollha ta` l-istess kumpannija ;*

*Illi ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 214(1)(a) galadarba l-kumpannija tirrizolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha fil-fatt tigi xolta u tkun stralcjata mill-Qorti, ghalhekk il-Qorti ghandha tordna tali xoljiment u stralc ;*

*Ghaldaqstant abbazi tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, in vista tal-fatt li ttiehdet rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija rikorrenti li din ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti, tordna illi l-kumpannija George Xuereb & Sons Limited (C-9970) tigi xjolta u konsegwentement stralcjata minn din l-Onorabbli Qorti u dan abbazi ta` l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors fosthom ix-xiehda bl-affidavit ta` Patrick Xuereb.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta` Awissu 2011.

Rat id-dokument li kien prezentat mir-rikorrenti wara dan id-digriet.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta` Settembru 2011.

Rat id-dokument li kien prezentat mir-rikorrenti wara dan l-ahhar digriet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat id-digriet taghha tal-lum fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

**Ikkunsidrat :**

**II. Dritt**

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-stralc konsegwenzjali taghha skond l-**Art.214(1) (a) tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-disposizzjoni li fuqha qeghda tistrieh il-kumpannija rikorrenti taqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin –*
*…*
*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Il-kumpannija rikorrenti qeghda tghid li ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art.218(1)(a) tal-Kap.386** li jaqra hekk **–**

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal* –

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*

*…*

*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji …*

Fil-kaz tal-lum, hija l-kumpannija **stess** illi qeghda tipprezenta r-rikors wara risoluzzjoni straordinarja li hadu l-azzjonisti **kollha** tal-kumpannija.

Kif jirrizulta mir-referta a tergo ta` fol 19 tal-process, ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art.218(8)** tal-Kap.386.

L-**Art.214** tal-Kap.386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.

Issa hemm kazi specifikati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***jistghu*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda tistrieh fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art.214. Ir-rikorrenti mhix taghmel talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta l-kumpannija rikorrenti giet registrata bin-Nru.C9970 fit-3 ta` Ottubru 1988 (Dok A).

B`rizoluzzjoni li kienet ittiehdet waqt laqgha generali straordinarja tal-kumpannija illi kienet saret fis-7 ta` Frar 2005, sar trasferiment tal-ishma tal-kumpannija fis-sens illi

Christopher Xuereb (I.D. 44388M) kiseb 1666-il sehem ordinarju ta` Lm1 kull sehem, Clint Xuereb (I.D. 458984M) kiseb 1667-il sehem ordinarju ta` Lm1 kull sehem, u Patrick Xuereb (I.D. 38988M) akkwista 1665-il sehem ordinarju ta` Lm1 kull sehem (ara wkoll Dok D)

Mill-atti socjetarji, jirrizulta li fost l-*objects of the company* kien hemm *(a) to build, construct, alter, maintain, enlarge, pull down, remove or replace and to work, manage and control any building or construction and to supply the materials used or useful in the building and construction industries ; in general to do any or all of the things herein set fort hand to carry on any other business as is incidental or conducive to the attainment of this and the objects below.*

Id-direttur u segretarju tal-kumpannija huwa Patrick Xuereb.

Skond klawsola 6(v) ta` l-*Articles of Association* tal-kumpannija, *an extraordinary resolution shall only be required for the following … b. dissolution of the company.*

Skond klawsola 6(vi) ta` l-*Articles of Association, an extraordinary resolution shall be deemed to have been validly carried only if consented to by 75 per cent (75%) of the voting rights in the Company.*

Jirrizulta li fil-5 ta` Awissu 2011, l-azzjonisti **kollha** tal-kumpannija ghaddew rizoluzzjoni (Dok B) waqt laqgha generali straordinarja li taqra hekk –

*The shareholders unanimously resolved that :*

*1. The Company be dissolved and consequently wound up by the court in terms of article 214(1)(a) of Chapter 386 of the Laws of Malta.*

*2. The Board of Directors be duly authorised to file the necessary application on behalf of the Company in the competent court of Malta so as to achieve what has been resolved above.*

Fl-affidavit tieghu, Patrick Xuereb xehed *inter alia* –

*Nghid illi jiena flimkien ma` huti ddecidejna li din il-kumpannija ghandha tigi xolta u stralcjata u dana billi din il-klumpannija fil-fatt ilha snin ma taghmel l-ebda 'trading' u ghalhekk illum il-gurnata m`ghadx hemm skop ghaliha. Dan ghamilnieh billi bhala azzjonisti ghamilna risoluzzjoni straordinarja skond il-ligi li kienet wahda unanima.*

*Nghid illi l-kawzi li kien hemm pendenti fejn kienet involuta l-istess kumpannija llum gew decizi u ghaddew in gudikat u ghalhekk li issa hadna d-decizjoni li nipprocedu b`dan il-mod …*

*Nghid illi minn dak li hemm bhala assi tal-kumpannija din m`ghandhiex biex thallas il-passiv li jirrizulta li ghandha l-kumpannija u dana anke meta wiehed jikkonsidra l-flus li l-istess kumpannija giet ikkundannata thallas skond sentenzi tal-Qorti.*

Kienu esebiti l-*financial statements* tal-kumpannija rikorrenti li jkopru s-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2010 (fol 28 et seq).

Mid-*Directors` Report* jirrizulta li *the company`s level of business activities an dits financial position remain unsatisfactory, and the directors expect that the present level of activity will be sustained in the forseeable future.*

Skond l-*statement of comprehensive income,* il-kumpannija kellha *loss* ta` €600 ghall-2010 u €13,282 ghall-2009.

Mill-*statement of financial position*, jirrizulta li *total equity and liabilities* ghall-2010 kien €4,367.

Ghal dak li huwa bilanc ghal gheluq is-sena 2010, kien hemm zbilanc bejn is-*share capital* (€11,647) u l-*profit and loss account* (€22,130) ta` €10,483.

Ma jirrizultax li l-kumpannija ghandha impjegati.

Fir-rapport tieghu li jgib id-data tas-17 ta` Settembru 2011 l-awditur tal-kumpannija Emanuel P. Fenech ighid hekk –

*… the company had accumulated losses of EUR 22,130 and disclosed a deficiency of EUR 10,483. There are insufficiuent assets to meet its liabilities and in view of this insolvency the sompany shall be forced to liquidate.*

**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija rikorrenti kif gej –**

**1) Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti ottemperat ruhha ma` l-Art. 214(1)(a) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija George Xuereb & Sons Limited (C9970) b`effett mill-5 ta` Awissu 2011 kif ighid it-tieni proviso tal-Art. 223(1) tal-Kap. 386.**

**3) Tahtar lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kif huma definiti fil-Kap. 386.**

**4) L-ispejjez kollha jithallsu mill-kumpannija rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------